Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 27 ta' Settembru 2024**
**(OR. en)**

**13760/24**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2022/0302(COD)**

**CODEC 1841**
**JUSTCIV 158**
**JAI 1417**
**CONSOM 290**
**COMPET 953**
**MI 815**
**FREMP 366**
**TELECOM 281**
**CYBER 264**
**DATAPROTECT 284**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Abbozz ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar ir-responsabbiltà għall-prodotti difettużi u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/374/KEE **(l-ewwel qari)**<br>- Adozzjoni tal-att leġiżlattiv |

1. Fit-28 ta' Settembru 2022, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha[1], ibbażata fuq l-Artikolu 114 TFUE, lill-Kunsill.

2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ta l-opinjoni tiegħu fl-24 ta' Jannar 2023[2].

3. Fit-12 ta' Marzu 2024, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni (mingħajr reviżjoni mill-ġuristi lingwisti). Wara l-finalizzazzjoni tat-test adottat mill-ġuristi lingwisti, il-Parlament approva rettifika għal dik il-pożizzjoni fis-sessjoni plenarja tiegħu mis-16 sad-19 ta' Settembru 2024. Din tirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-Istituzzjonijiet u għaldaqstant għandha tkun aċċettabbli għall-Kunsill[3].

1 13134/22 + ADD 1 sa ADD 5.
2 ĠU C 140, 21.4.2023, p. 34.
3 13435/24.

4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE-CONS 7/24, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss.

5. Id-dikjarazzjoni għall-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill tinsab fl-Addendum 1 ta' din in-nota.

6. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv ikun adottat.

   Wara li jiġi ffirmat mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.